# AVVIŻ MAĦRUĠ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR151868, Press Release Issue Date: Aug 22, 2015

Id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali javża li wara li ttieħdu diversi kampjuni ta' l-ilma baħar tul dawn l-aħħar jiem, iż-żoni ta' quddiem iċ-Churchill Bar u l-ponta ta' barra tal-moll fuq in-naħa tal-lemin tal-bajja tax-Xlendi huma tajba għall-għawm u għalhekk l-avviż kontra l-għawn f'dawn iż-żoni qed jiġi rtirat.

Fis-sigħat li ġejjin, ħaddiema ta' dan id-Direttorat se jkunu qegħdin ineħħu t-tabelli li twaħħlu fl-aħħar jiem f'dawn iż-żoni.

Il-pubbliku qed jiġi mitlub josserva dawn l-istruzzjonijiet.